Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,526, 24 ta' Novembru, 2020
Taqsima B

A.L. 442 tal-2020

ATT TAL-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema minn riskji relatati mal-Espożizzjoni għal Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol, hawnhekk iżjed il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 424.25.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li:

(a) jiġu protetti l-ħaddiema minn riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom, inkluża l-prevenzjoni ta' dawk ir-riskji, ġejjin jew x'aktarx li jiġu minn espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol;

(b) jittrasponu d-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2020/739 tat-3 ta' Ġunju 2020 li temenda l-Anness III tad-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni tas-SARS-CoV-2 fil-lista tal-aġenti bijoloġiċi magħrufa li jinfettaw lill-bnedmin u li temenda d-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2019/1833.".

B 3052

Jemenda l-Iskeda III tar-regolamenti prinċipali.

3. Fl-Iskeda III tar-regolamenti prinċipali, fit-tabella "TIP TA' VIRUS", għandu, bejn il-kliem "Coronaviridae" u "Filoviridae", jiżdied dan li ġej:

"Sindromu respiratorju akut gravi coronavirus 2 (SARS-CoV-2) ([1])	3	

([1]) F'konformità mar-regolament 16(1)(ċ), ix-xogħol li mhux propagattiv tal-laboratorju ta' dijanjosi li jinvolvi s-SARS-CoV-2 għandu jsir f'faċilità li tuża proċeduri ekwivalenti għal tal-inqas tal-livell ta' kontenjment 2. Jenħtieġ li x-xogħol propagattiv li jinvolvi s-SARS-CoV-2 isir f'laboratorju ta' livell ta' kontenjment 3 bi pressa tal-arja negattiva għall-atmosfera.".